**RETTIFIKA**

**Rettifika tar-Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Mejju 2020 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri oħra, li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1369 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 177 tal-5 ta’ Ġunju 2020)*

Fil-paġna 20, l-Anness II, il-punt 2.2, il-punt (e):

1) Is-sitt inċiż:

*minflok:* “<…> b’tipa grassa Verdana, 7 pt;”

*aqra:* “<…> b’tipa grassa Verdana 8 pt;”,

2) Is-seba’ inċiż:

*minflok:* “<…> b’tipa regolari Verdana, 7 pt;”

*aqra:* “<…> b’tipa regolari Verdana 8 pt;”,

3) Id-disa’ inċiż:

*minflok:* “<…> b’tipa regolari Verdana, 7 pt <…>;”

*aqra:* “<…> b’tipa regolari Verdana, 8 pt <…>;”,

4) L-għaxar inċiż:

*minflok:* “ittri tal-iskala tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u tal-iskala tal-qabda fuq l-imxarrab: 100 % abjad u b’tipa grassa Calibri, 19 pt; l-ittri għandhom ikunu ċċentrati fuq assi li jkun 4,5 mm min-naħa tax-xellug tal-vleġeġ;”

*aqra:* “ittri tal-iskala tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u tal-iskala tal-qabda fuq l-imxarrab: 100 % abjad u b’tipa grassa Calibri, 15 pt; b’kontorn iswed ta’ 0,15 pt; l-ittri għandhom ikunu ċċentrati fuq assi li jkun 3 mm min-naħa tax-xellug tal-vleġeġ;”,

5) Il-11-il inċiż:

*minflok:* “kodiċi tal-kuluri CMYK tal-vleġeġ għall-iskala tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil A sa E kif ġej:”

*aqra:* “kodiċi tal-kuluri CMYK tal-vleġeġ għall-iskala tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil A sa E, b’kontorn iswed ta’ 0,15 pt, kif ġej:”,

Fil-paġna 21, l-Anness II, il-punt 2.2, il-punt (e):

1) Is-17-il inċiż:

*minflok:* “kodiċi tal-kuluri CMYK tal-vleġeġ għall-iskala tal-qabda fuq l-imxarrab minn A sa E kif ġej:”

*aqra:* “kodiċi tal-kuluri CMYK tal-vleġeġ għall-iskala tal-qabda fuq l-imxarrab minn A sa E, b’kontorn iswed ta’ 0,15 pt, kif ġej:”,

2) L-24 inċiż:

*minflok:* “ittra tal-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil: 100 % abjad u b’tipa grassa Calibri, 33 pt. <…>”

*aqra:* “ittra tal-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u tal-klassi tal-qabda fuq l-imxarrab: 100 % abjad u b’tipa grassa Calibri, 20 pt. <…>”,

3) Il-25 inċiż:

*minflok:* “pittogramma tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil: wisa’ 16 mm, għoli 14 mm, ħxuna 1 pts <…>”

*aqra:* “pittogramma tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil: wisa’ 16 mm, għoli 13 mm, ħxuna 0,8 pts <…>”,

4) Is-26 inċiż:

*minflok:* “pittogramma tal-qabda fuq l-imxarrab: wisa’ 20 mm, għoli 14 mm, ħxuna 1 pts, kulur: 100 % iswed;”

*aqra:* “pittogramma tal-qabda fuq l-imxarrab: wisa’ 20 mm, għoli 13 mm, ħxuna 0,8 pts, kulur: 100 % iswed;”,

5) Is-27 inċiż:

*minflok:* “pittogramma tal-istorbju estern tad-dawrien: wisa’ 24 mm, għoli 18 mm, ħxuna 1 pts, kulur: 100 % iswed. In-numru ta’ deċibeli fil-loudspeaker b’tipa grassa Verdana, 12 pt, l-unità ”dB” b’dik regolari, 9 pt; il-firxa tal-klassijiet tal-istorbju estern tad-dawrien (minn A sa C) iċċentrata taħt il-pittogramma, bl-ittra tal-klassi tal-istorbju estern tad-dawrien applikabbli b’tipa grassa Verdana, 16 pt u l-ittri l-oħra tal-klassijiet tal-istorbju estern tad-dawrien b’tipa regolari Verdana, 10 pt;”

*aqra:* “pittogramma tal-istorbju estern tad-dawrien: wisa’ 24 mm, għoli 18 mm, ħxuna 0,8 pts, kulur: 100 % iswed. In-numru ta’ deċibeli fil-loudspeaker b’tipa grassa Verdana, 10 pt, l-unità ‘dB’ b’dik regolari Verdana, 8 pt; il-firxa tal-klassijiet tal-istorbju estern tad-dawrien (minn A sa C) iċċentrata taħt il-pittogramma, bl-ittra tal-klassi tal-istorbju estern tad-dawrien applikabbli b’tipa grassa Verdana, 12 pt u l-ittri l-oħra tal-klassijiet tal-istorbju estern tad-dawrien b’tipa regolari Verdana, 8 pt;”,

6) It-28 inċiż:

*minflok:* “<…>, ħxuna 1 pts, <…>”

*aqra:* “<…>, ħxuna 0,8 pts <…>”,

7) Id-29 inċiż:

*minflok:* “pittogramma tal-qabda fuq is-silġ: wisa’ 15 mm, għoli 13 mm, ħxuna 1 pts, ħxuna tal-linji oblikwi 0,5 pts, kulur: 100 % iswed;”

*aqra:* “pittogramma tal-qabda fuq is-silġ: wisa’ 15 mm, għoli 13 mm, ħxuna 0,8 pts, ħxuna tal-linji oblikwi 0,2 pts, kulur: 100 % iswed;”,

8) It-30 inċiż:

*minflok:* “<…> b’tipa regolari Verdana 6 pt.”

*aqra:* “<…> b’tipa regolari Verdana 5 pt.”.